SANTA LUĊIJA

## MINUTI – IS-SITT KUNSILL

**LAQGĦA NUMRU 13-13**

Illum It-Tnejn, 22 ta'April 2013
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.30 pm.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Frederick Cutajar, il-Viċi Sindku Terrence Ellul u l-Kunsilliera: Joe Bonello, Caroline Galea u Victor Camilleri

**ASSENTI**

Ħadd

**TALBA**

Is-Sindku qal it-talba.

**1. MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 12-13 li saret nhar il-25 ta' Marzu 2013 ġew moqrija u approvati.

## 1.1 *Mill-Minuti*

**1.1.1** Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2 tal-laqgħa preċedenti u qal li l-applikazzjoni tal-Kunsill biex jitneħħew siġar fi Triq Bruka u Triq Prinjoli ġew milqugħa. Huwa qal li s-siġra li hemm fi Triq il-Bruka ser tinqalgħa mill-ELC Ltd filwaqt li f'dik ta' Triq il-Prinjoli ser tinqagħla mis-sid tar-residenza fejn hemm din is-siġra.

**1.1.2** Il-Kunsilliera Caroline Galea rreferiet għal minuta 7.3 tal-laqgħa preċedenti u staqsiet dwar il-proġett tar-*reservior* fi Triq il-Ġnien. Is-Sindku nforma li ser isir *radar survey* biex insiru nafu fejn jagħtu l-*gutters* li hemm f'din it-triq. Huwa qal ukoll li l-periti qed jaħdmu fuq l-*ispecific conditions* tat-*tender* biex toħroġ l-offerta għal proġett ta' kostruzzjoni tar-*reservior*.

**1.1.3** Is-Sindku rrefera għal parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-ewwel avvenitment fil-proġett REACTION li sar fi Spittal en der Drau fl-Awstria. Huwa qal li l-Kunsill ħa parti attiva ħafna f'dan l-avveniment fejn tella' *presentation* dwar il-Pjan għall-Lokalita ta' Santa Luċija bl-isem Living Greener. Huwa qal li l-Kunsill tgħallem ukoll mill-esperjenzi ta' pajjiżi oħra dwar l-effetti tal-kriżi finanzjarja u s-sitwazzjoni preżenti. Is-Sindku qal li l-Kunsill bl-għajnuna ta' l-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu, irnexxielu jagħmel reklam tajjeb għal Malta waqt fiera li ttellet bħala parti minn dan l-avveniment. Is-Sindku qal ukoll li waqt din iż-żjara sar jaf bl-organizzazjoni ta' festival internazzjonali tal-korijiet li jsir fl-Awstria u ġab miegħu applikazzjoni li tista tagħti opportunita' lil kor lokali biex jipparteċipa f'dan il-festival hekk prestiġjuż.

# 2. KORRISPONDENZA

## 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn il-25 ta' Marzu 2013 u t-22 ta' April 2013 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lil Kunsilliera kollha.

## 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

### 2.2.1 *Ittri mibgħuta mill-Kunsill:*

- **331/13/O** – Ritemix – Resurfacing ta' Toroq f'Santa Luċija
- **352/13/O** – Kura Primarja tas-Saħħa – *Health talks*
- **365/13/O** – Segretarju Parlamentari l-Onor. Michael Farrugia – *Mepa Fees*

### 2.2.2 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 0362/13/I – Mepa – *Uprooting of Italian Cypress tree in Triq il-Prinjoli*
- 0363/13/I - Mepa – *Uprooting of Italian Cypress Tree in Triq il-Bruka*
- 0351/13/I – ETC – Skema Xogħol fil-Kommunita'
- 0398/13/I - Reġjun Nofsinhar – Sessjoni Plenarja Annwali 2013
- 0403/13/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premju Nazzjonali għal Appoġġ lill-Inizjattiva 2013.
- 0418/13/I – *The Malta Council for Culture and the Arts – Cultural Calendar*
- 0419/13/I – *Paragon Europe – IEE Project*

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 351/13/I il-Kunsill ġie nfurmat li l-parteċipazzjoni taż-żewġ ħaddiema ta' l-ETC fl-iskema xogħol fil-Komminita' ġiet imġedda għal-sitt xhur oħra.

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 389/13/I il-Kunsill ġie nfurmat li għal Plenarja Annwali 2013 li ser jorganizza r-Reġjun Nofsinhar ikkonfermaw li ser jattendu s-Sindku, s-Sur Cutajar u l-Viċi Sindku, s-Sur Ellul kif ukoll il-Kunsillier is-Sur Bonello.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 403/13/I il-Kunsill qabel li jikseb aktar informazzjoni dwar il-Premju Nazzjonali għal-Appoġġ lill-Intrapriża u kif il-Kunsill jista jkun involut ħalli tkun tista ssir applikazzjoni.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 419/13/I il-Kunsill laqgħa t-talba ta' Paragon Europe biex jipparteċipa fi programm ta' l-EU taħt IEE fuq Frieght Transport għall-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija. Is-Sindku qal li dan il-proġett għadu fil-fażi ta' l-applikazzjoni. Huwa qal ukoll li jekk din il-proposta tiġi approvata mill-Unjoni Ewropea, l-Kunsill ikun involut biex iħeġġeġ l-iskejjel fil-lokalita' biex jużaw trasport alternattiv u sostenibbli. Is-Sindku qal ukoll li din l-inizattiva mhu ser tinvolvi l-ebda spejjeż lil Kunsill u kull attivita' relatata ma' dan il-proġett tkun immaniġjata minn Paragon Europe.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *New Street Lighting*

Il-Kunsill iddiskuta talbiet li jridu jsiru lil Enemalta fir-rigward ta' dawl (*belisha lights*) li jridu jiġu nstallati fi Triq Inez Soler u fuq dawl ġdid li qed jintalab li jsir fi Triq il-Vjoli. Fir-rigward ta' l-*belisha lights* is-Sindku qal li jidher li ser ikollha tinqata' trinka fi Triq Inez Soler biex jitwassal is-servizz, iżda qabel għandu jintalab parir mill-*foreman* tad-distrett ta' l-Enemalta. Fir-rigward ta' Triq il-Vjoli, għanda ssir applikazzjoni lil Enemalta biex tkun tista tiġi nstallata *bracket* bil-lampa.

### 4,2 Sparar fil-festa ta' Maria Annunzjata f'Hal Tarxien

Il-Kunsill intalab jagħti l-kummenti tiegħu biex ikun jista' jintalab permess tal-pulizija biex jinħaraq nar mill-għalqa li tinsab fil-limiti ta' Santa Luċija fl-okkażjoni tal-festa ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien. Il-Kunsill qabel li għalkemm mhux ser issir oġġezzjoni, l-pulizija għandha tara li jsir kollox skond il-liġi.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV4494 sa numru BOV4505 kif illistjati fl-iskeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn it-12 ta' Marzu 2013 u l-1 ta' April 2013 (Skeda nru.12).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 12-13(25-03-2013)

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| Kuntrattur | Kuntratt | Kont | Euro |
|---|---|---|---|
| **ELC Ltd.** | **PKG 57** | **9553** | **2061.50** |
| **Ronald Bezzina** | **RC(57/10/01)** | **Serv. – Mar.13** | **2945.00** |
| **Ronald Bezzina** | **BR(57/12/03)** | **Serv. – Mar.13** | **175.98** |
| **Owen Borg** | **SS(57/12/01)** | **Serv. – Mar.13** | **1025,20** |

## 6. APPROVAZZJONI TAL-*AUDITED FINANCIAL STATEMENTS* – SENA 2012

Il-Kunsill iddiskuta l-*Audit Adjustments* li pproponew l-awdituri li għamlu l-auditjar tal-finanzi tal-Kunsill għas-sena 2012. L-*accountant* tal-Kunsill spjegat li l-Kunsill għalaq is-sena b'*surplus* ta' €33,112.00. Hija qalet li filfatt dan is-*surplus* żdied minn dak li kien previst peress li l-Awdituri ikkapitalizzaw l-ispiża relatata ma' l-pjanti u stima tal-proġett taċ-Ċentru tal-Kommunita' li tħallset lil periti tal-Kunsill. Il-Kunsill approva l-Audited Financial Statements għas-sena 2012.

## 7. MANAGEMENT LETTER

Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva *draft management letter* u li s-Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tħejji it-tweġiba tal-Kunsill dwar il-punti kollha msemmija f'din il-*management letter* biex imbagħat titressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 8. XOGĦOLIJIET U PROĠETTI

### 8.1 *Xogħol ta' resurfacing fi Triq Guljetta Lopez*

Is-Sindku nforma l-Kunsill li kienet inbagħtet ittra mportanti lil Kuntrattur Ritemix dwar id-dewmien eseġerat biex jibda x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Guljetta Lopez. Huwa qal li jidher li issa l-problemi li kien hemm ġew solvuti u x-xogħol mistenni jibda fil-ġranet li ġejjin.

### 8.2 *Laqgħa ma' l-Onor Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u Nfrastruttura*

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar iż-żjara ta' kortesija li għamel l-Onor.Joe Mizzi lil Kunsill ta' Santa Luċija. Huwa qal li għal din il-laqgħa l-Kunsill ġie mitlub iħejji lista ta' proġetti infrastrutturali li għandu pendenti, kif ukoll xi llmenti u suġġerimenti relatati ma' l-Ministeru għat-Trasport u Nfrastruttura. Is-Sindku qal li fost l-oħrajn il-Kunsill elenka l-proġetti tar-Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita', il-proġett taċ-Ċentru Ċiviku, l-aħħar fażi tal-proġett tal-Jogging Track, ir-*resurfacing* tat-toroq, iz-zuntier tal-knisja u t-trasport pubbliku. Is-Sindku qal ukoll li fir-rigward tar-*resurfacing* tal-Jogging Track kien ser ikun qed jitkellem ma' l-Onor. Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari Għar Riċerka Innovazzjoni Zgħazagħ u Sport.

### 8.3 Proġett ta' Rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'

Il-Kunsill iddiskuta l-aħħar żvilluppi fir-rigward tal-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Is-Sindku qal li issa li ħareġ il-permess tal-Mepa għal dan il-proġett, ix-xogħol huwa mistenni li jibda fix-xahar ta' Ġunju 2013, Huwa qal ukoll li ser ikun hemm xi xogħol preliminarju ta' *uprooting* ta' siġar u li dan ser isir fix-xahar ta' Mejju 2013. Is-Sindku qal ukoll li dawk is-siġar li ser jiġu *uprooted* ser jiġu transplanti f'*areas* oħra. Il-Kunsill qabel li għandhom jitwaqqfu *boards* informattivi dwar dan il-proġett u jitwaħħlu f'postijiet prominenti madwar il-ħajt tal-ġnien.

## 9 TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-Laqgħa ntemmet fis-6.00p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2013 fl-4.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati Ilum ...... ta' ..................… 2013**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**